Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16928/14
(OR. en)

PRESSE 651
PR CO 73

EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

It-3361 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Brussell, 15 ta' Diċembru 2014

President **Is-Sinjura Federica Mogherini**
Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Sirja u Iraq

Il-Kunsill Affarijiet Barranin iffoka fuq is-sitwazzjoni fis-Sirja, l-Iraq u t-theddida mill-ISIL. Id-diskussjoni ser tikkontribwixxi għat-tħejjija ta' strateġija reġjonali komprensiva tal-UE.

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-kriżi fis-Sirja mal-Mibgħut Speċjali tan-NU għas-Sirja, Staffan de Mistura. L-UE hija impenjata b'mod sħiħ li tappoġġa l-isforzi tiegħu sabiex mill-aspett strateġiku, tonqos il-vjolenza bħala bażi għal proċess politiku usa'. L-UE tinsab lesta biex tappoġġa b'mod konkret l-iżvilupp tal-proposta tiegħu bbażata fuq l-iffriżar fuq livell lokali ta' ostilità f'Aleppo u nħawi oħrajn.

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, qalet li: "L-Istati Membri kollha tal-UE u l-Unjoni Ewropea bħala tali huma involuti, b'xi mod jew ieħor, fil-ġlieda kontra Da'esh. Kollha kemm aħna qegħdin naħdmu b'mod sħiħ b'appoġġ għall-Gvern tal-Iraq." Żiedet tgħid li l-ġimgħa d-dieħla ser iżżur Bagdad u Erbil.

Bosnja-Ħerzegovina

Il-Kunsill qabel ma' approċċ imġedded fil-konfront tal-Bosnja-Ħerzegovina (BiH), mingħajr ma jinbidlu l-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tal-UE, inkluża l-implimentazzjoni tas-sentenza fil-kawża Sejdic-Finci. Huwa stieden lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissarju Hahn biex jidħlu f'kuntatt mat-tmexxija tal-BiH sabiex jiżguraw impenn irrevokabbli bil-miktub min-naħa tal-mexxejja li dawn ser iwettqu riformi għall-adeżjoni mal-UE. Ladarba l-Presidenza tal-BiH taqbel ma' dan l-impenn, u dan jiġi ffirmat mill-mexxejja politiċi tal-BiH u approvat mill-Parlament tal-BiH, il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, żiedet tgħid: "Iva, l-UE u l-Bosnja-Ħerzegovina jistgħu jibdew mill-ġdid. Aħna ninsabu lesti li nimpenjaw ruħna. Aħna ninsabu lesti li nimxu 'l quddiem hekk kif dan l-impenn jiġi adottat mill-parlament. Din tista' tkun bidla importanti fit-triq tal-Bosnja-Ħerzegovina lejn l-Unjoni Ewropea."

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI .... Error! Bookmark not defined.

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Sirja 7

Iraq 10

Balkani tal-Punent 10

Ukraina 11

Ebola 11

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

– Repubblika Ċentru-Afrikana 12

– Inizjattiva ta' investiment tan-Nofsinhar tal-Mediterran 15

– Sudan t'Isfel 16

– Azzjoni tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva 17

– Azzjoni kontra l-proliferazzjoni ta' armi ħfief fir-reġjun tas-Saħel 17

– Azzjoni tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva 17

– Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina 18

– Relazzjonijiet mas-Serbja 18

– Relazzjonijiet mal-Marokk 18

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– President tal-Kumitat Militari tal-UE 18

– Emenda tal-artikolu dwar l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir fi ftehimiet 18

– EUCAP SAHEL Mali 20

PARTEĊIPANTI

Rappreżentant Għoli	
Is-Sinjura Federica MOGHERINI	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
Belġju:	
Is-Sur Didier REYNDERS	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej
Bulgarija:	
Is-Sur Daniel MITOV	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Lubomir ZAORÁLEK	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Danimarka:	
Is-Sur Martin LIDEGAARD	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Ġermanja:	
Is-Sur Frank-Walter STEINMEIER	Ministru Federali għall-Affarijiet Barranin
Estonja:	
Is-Sur Keit PENTUS-ROSIMANNUS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Irlanda:	
Is-Sur Dara MURPHY	Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej u l-Protezzjoni tad-Data
Greċja:	
Is-Sur Evangelos VENIZELOS	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin
Spanja:	
Is-Sur José Manuel GARCIA-MARGALLO Y MARFIL	Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni
Franza:	
Is-Sur Laurent FABIUS	Ministru għall-Affarijiet Barranin u l-Iżvilupp Internazzjonali
Kroazja:	
Is-Sinjura Vesna PUSIĆ	L-Ewwel Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
Italja:	
Is-Sur Paolo GENTILONI	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Ċipru:	
Is-Sur Ioannis KASOULIDES	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Latvja:	
Is-Sur Edgars RINKĒVIČS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Il-Litwanja:	
Is-Sur Linas A. LINKEVIČIUS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Lussemburgu:	
Is-Sur Jean ASSELBORN	Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, Ministru għall-Immigrazzjoni u l-Asil
Ungerija:	
Is-Sur László SZABÓ	Segretarju Parlamentari tal-Istat u Viċi Ministru, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ
Malta:	
Is-Sur George VELLA	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Olanda:	
Is-Sur Bert KOENDERS	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Awstrija:	
Is-Sur Sebastian KURZ	Ministru Federali għall-Ewropa, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Barranin
Polonja:	
Is-Sur Grzegorz SCHETYNA	Ministru għall-Affarijiet Barranin

Portugall:	
Is-Sur Rui MACHETE	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Rumanija:	
Is-Sur George CIAMBA	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Slovenja:	
Is-Sur Karl ERJAVEC	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Slovakkja:	
Is-Sur Miroslav LAJČÁK	Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Finlandja:	
Is-Sur Erkki TUOMIOJA	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Svezja:	
Is-Sinjura Margot WALLSTRÖM	Ministru għall-Affarijiet Barranin
Renju Unit:	
Is-Sur Philip HAMMOND	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth (Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin)
Kummissjoni:	
Is-Sur Johannes HAHN	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Sirja

Il-Kunsill kellu diskussjoni profonda dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, wara sessjoni informali mal-Mibgħut Speċjali tan-NU għas-Sirja, Staffan de Mistura, fl-14 ta' Diċembru. Huwa adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. Waqt li tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru, l-UE tesprimi tħassib serju dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni umanitarja u tas-sigurtà fis-Sirja. L-UE tikkundanna mingħajr ebda riżerva l-atroċitajiet u l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-abbuż minnhom imwettqa mir-reġim ta' Assad kif ukoll mill-ISIL / Da'esh, minn Jabhat al-Nusra u gruppi terroristiċi oħrajn. L-UE ser tkompli tinkoraġġixxi l-isforzi kollha biex tinstab soluzzjoni politika b'kunsens reċiproku sabiex tinżamm l-unità, is-sovranità u l-integrità territorjali kif ukoll il-karattru multietniku u multireliġjuż tas-Sirja. Soluzzjoni dejjiema għall-konflitt tista' tintlaħaq biss permezz ta' proċess politiku mmexxi mis-Sirjani li jwassal għal transizzjoni.

L-UE hija impenjata li tappoġġa b'mod sħiħ l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tan-NU għas-Sirja Staffan de Mistura biex jinkiseb tnaqqis strateġiku fl-eskalazzjoni tal-vjolenza bħala bażi għal proċess politiku sostenibbli usa'. L-UE tinsab lesta li tappoġġa b'mod konkret l-iżvilupp tal-proposti tiegħu, b'mod partikolari l-proposta biex jinbena fuq l-iffriżar lokali ta' ostilità f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali f'Aleppo u nħawi oħrajn.

2. It-tnaqqis ta' vjolenza mhux ser jinkiseb mingħajr monitoraġġ effikaċi, preferibbilment stabbilit fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. L-UE tfakkar li l-każijiet ta' ċediment furzat impost mir-reġim ta' Assad permezz ta' assedji tal-ġuħ ġew ikklassifikati b'ingann bħala waqfien mill-ġlied lokali fil-passat. Hi tesprimi tħassib serju rigward l-azzjoni militari intensifikata mir-reġim ta' Assad kontra ż-żoni taħt il-kontroll tal-oppożizzjoni, li thedded l-inizjattiva tal-Mibgħut Speċjali tan-NU Staffan de Mistura. L-UE ser tfittex modi biex tipprovdi appoġġ prattiku għall-isforzi tiegħu billi b'mod partikolari tagħti kontribut biex il-governanza u l-amministrazzjoni lokali jingħataw spinta mill-ġdid, is-servizz bażiċi jerġgħu jiġu stabbiliti u sabiex kollox imur lura għan-normalità f'żoni ta' vjolenza mnaqqsa, b'mod partikolari f'Aleppo, jekk il-kondizzjonijiet jippermettu dan.

3. L-UE tfakkar li l-objettiv ġenerali jibqa' dak ta' proċess immexxi mis-Sirjani li jwassal għal transizzjoni li tilħaq l-aspirazzjonijiet tal-poplu Sirjan kollu, abbażi tal-Komunikat ta' Ġinevra tat-30 ta' Ġunju 2012 u f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU). L-UE titlob lill-partijiet Sirjani kollha biex juru impenn ċar u konkret għal dan il-proċess, u biex jiżguraw l-involviment tas-soċjetà ċivili u n-nisa. L-UE hija lesta taħdem flimkien mal-atturi reġjonali u internazzjonali kollha li għandhom influwenza fuq il-partijiet Sirjani u titlobhom jużaw l-influwenza tagħhom b'mod kostruttiv għal dan il-għan.

4. L-UE tfakkar li l-oppożizzjoni moderata, inkluż il-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Sirjani Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni (SOC), hija element essenzjali kemm ta' soluzzjoni politika futura kif ukoll tal-ġlieda kontra gruppi estremisti fuq il-post fis-Sirja. L-UE tinkoraġġixxi gruppi tal-oppożizzjoni kemm interni kif ukoll esterni biex jingħaqdu wara strateġija komuni sabiex joffru alternattiva lill-poplu Sirjan. Hija ser tfittex modi biex issaħħaħ l-appoġġ politiku u prattiku tagħha lill-oppożizzjoni moderata inkluż f'żoni taħt il-kontroll tal-oppożizzjoni bħal Aleppo.

5. L-UE tikkundanna l-vjolazzjonijiet u l-abbużi mifruxa u sistematiċi kontinwi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa fis-Sirja, b'mod partikolari mir-reġim ta' Assad u gruppi terroristiċi, kif irrapportat mill-Kummissjoni ta' Inkjesta. Dan jinkludi bumbardamenti indiskriminati b'bombi forma ta' bittija (barrel bombs) mill-forzi tar-reġim u l-atroċitajiet imwettqa mill-ISIL / Da'esh. L-UE tilqa' l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tat-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li tikkundanna l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja. Tenfasizza t-tħassib tagħha rigward każijiet ta' għajbien furzat u titlob il-ħelsien immedjat tal-vittmi. L-UE ser tagħmel kull sforz biex tiżgura li l-awturi kollha ta' tali vjolazzjonijiet u abbużi jinżammu responsabbli għar-reati kriminali tagħhom, li jistgħu jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. L-UE ttenni t-talba tagħha lill-Kunsill tas-Sigurtà biex jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali.

6. L-UE ser tkompli bil-politika tagħha li timponi u tinforza sanzjonijiet kontra r-reġim u dawk li jappoġġawh sakemm tibqa' għaddejja r-repressjoni.

7. L-UE tħeġġeġ lir-reġim ta' Assad biex jimplimenta b'mod sħiħ ir-Riżoluzzjoni 2118 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u biex jieħu l-miżuri neċessarji biex jelimina kompletament u irreversibbiliment il-programm tiegħu dwar l-armi kimiċi. Dan jinkludi l-qerda tal-kumplament tal-faċilitajiet ta' produzzjoni u l-forniment ta' evidenza li tappoġġa l-garanziji li s-Sirja abbandunat għalkollox il-programm tagħha dwar l-armi kimiċi. L-UE għadha estremament imħassba bin-nuqqasijiet u d-diskrepanzi fid-dikjarazzjonijiet tar-reġim ta' Assad lill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). L-UE tikkundanna l-użu ta' gass tal-kloru bħala arma kimika mir-reġim ta' Assad u ser tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lill-investigazzjonijiet ta' Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti tal-OPCW. L-UE tfakkar li, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, il-ġarr tal-ispejjeż relatati mal-verifika u l-qerda ta' programm kimiku tar-reġim ta' Assad hija r-responsabbiltà primarja tiegħu.

8. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha jikkonformaw mad-dritt umanitarju internazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni u l-aċċess għall-għajnuna umanitarja u biex jipprovdu l-għajnuna umanitarja lin-nies kollha fil-bżonn, inklużi żoni li diffiċli jintlaħqu. L-UE tikkundanna l-impedimenti kontinwi fil-forniment ta' għajnuna li għalihom ir-reġim ta' Assad jerfa' r-responsabbiltà primarja. L-UE tħeġġeġ lill-partijiet kollha, b'mod partikolari lill-awtoritajiet Sirjani, biex b'mod sħiħ u immedjat jimplimentaw id-dispożizzjonijiet kollha tar-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC 2139 (2014) u 2165 (2014). L-UE tappoġġa b'mod sħiħ it-tiġdid tar-Riżoluzzjoni 2165 tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex titrawwem assistenza transkonfinali u fuq kull naħa tal-kunflitt effikaċi u jiġi żgurat l-aċċess għal persuni vulnerabbli irrispettivament minn fejn jinsabu.

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jaqdu rwol ewlieni fl-għoti ta' għajnuna umanitarja b'reazzjoni għall-kriżi, u s'issa mmobilizzaw EUR 3 biljun għall-għajnuna u l-assistenza ta' rkupru għal dawk l-aktar fil-bżonn fis-Sirja u l-pajjiżi ġirien, inklużi l-komunitajiet ospitanti. L-UE ser issostni l-isforzi tagħha biex tipprovdi għajnuna umanitarja lill-persuni affettwati mill-kriżi u biex tibni r-reżiljenza tagħhom permezz tal-assistenza ta' rkupru u servizzi bażiċi fis-Sirja u bl-istess mod fil-pajjiżi ġirien. L-UE tesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas kbir ta' fondi għall-Appelli tan-NU 2014, li rriżulta f'sospensjoni temporanja tal-assistenza tal-Programm Dinji tal-Ikel lir-refuġjati Sirjani. Għalhekk, titlob lill-komunità internazzjonali biex iżżid il-finanzjament u l-assistenza tagħha minħabba x-xitwa u bi tweġiba għall-appelli li ser isiru fl-2015.

10. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana li ser jaġixxi f'koordinazzjoni u f'komplementarjetà ma' assistenza kontinwa inkluż dik tal-Fond Fiduċjarju għall-Irkupru tas-Sirja eżistenti.

11. L-UE tfaħħar l-isforzi konsiderevoli tal-Libanu u tal-Ġordan kif ukoll tat-Turkija fl-għoti ta' kenn lil refuġjati mis-Sirja. Hija ser tagħmel kull sforz biex tkompli tgħinhom jipprovdu assistenza lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti vulnerabbli u biex jikkonformaw mal-liġijiet, il-konvenzjonijiet u l-prinċipji umanitarji eżistenti dwar ir-refuġjati fir-rigward tal-protezzjoni u l-aċċess għall-għajnuna umanitarja. F'dan il-kuntest, hija tilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Berlin "Solidarjetà mar-refuġjati u ma' min jospitahom" tal-Konferenza dwar is-Sitwazzjoni tar-Refuġjati tas-Sirja tat-28 ta' Ottubru 2014.

12. L-UE tibqa' konxja b'mod sħiħ tal-isfidi tas-sigurtà enormi li l-kriżi fis-Sirja tippreżenta b'mod partikolari lil-Libanu u l-Ġordan. L-UE tissottolinja l-importanza tal-appoġġ kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri, u ttenni l-impenn tagħha biex tfittex modi kif jista' jiżdied ulterjorament dan l-appoġġ għaż-żewġ pajjiżi biex jissodisfaw dawk l-isfidi."

Iraq

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq. Id-diskussjoni ser tikkontribwixxi għat-tħejjija ta' strateġija reġjonali komprensiva tal-UE dwar is-Sirja u l-Iraq u t-theddida tal-ISIL / Da'esh.

L-UE wiegħdet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi tal-Gvern tal-Prim Ministru Haider al Abadi sabiex isegwi politiki inklużivi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali. Hi tinsab iddeterminata li tittratta b'mod komprensiv it-theddida tat-terroriżmu u li tindirizza d-dinamika li pprovdiet bażi solida għall-ISIL.

Balkani tal-Punent

Ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissarju tal-Viċinat Hahn informaw lill-Kunsill dwar iż-żjara reċenti tagħhom lill-Bosnja-Ħerzegovina. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu għall-perspettiva tal-Bosnja-Ħerzegovina orjentata lejn l-UE. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn inekwivoku tiegħu għall-integrità territorjali tal-Bosnja-Ħerzegovina bħala pajjiż sovran u magħqud.

2. Il-Kunsill jilqa' l-Patt għal Tkabbir u Impjiegi biex iċaqlaq l-attenzjoni lejn ir-riformi u l-kwistjonijiet ta' interess dirett għaċ-ċittadini, wara l-protesti mifruxa mmexxija miċ-ċittadini fil-bidu tal-2014 li ssottolinjaw il-fraġilità tas-sitwazzjoni soċjoekonomika.

3. Il-Kunsill jilqa' ż-żjara reċenti tar-RGħ Mogherini u l-Kummissarju Hahn f'Sarajevo u l-impenn tagħhom biex il-proċess ta' riforma fil-Bosnja-Ħerzegovina jingħata ħajja ġdida. Il-Kunsill qabel dwar approċċ imġedded tal-UE lejn il-Bosnja-Ħerzegovina dwar triqtha għall-adeżjoni mal-UE li matulha ser ikollhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha, inkluża l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdic-Finci. Il-Kunsill jappella lill-mexxejja politiċi tal-BiH biex jankraw ir-riformi neċessarji għall-integrazzjoni mal-UE fil-ħidma tal-istituzzjonijiet rilevanti kollha.

4. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ Mogherini u l-Kummissarju Hahn biex ikomplu jinvolvu ruħhom mat-tmexxija tal-BiH biex jiżguraw mill-aktar fis l-impenn irrevokabbli tagħha bil-miktub biex jitwettqu riformi fil-qafas tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE. L-objettiv ġenerali huwa li l-funzjonalità u l-effiċjenza jiġu stabbiliti fil-livelli kollha tal-gvern u li l-Bosnja-Ħerzegovina tkun permessa li tħejji ruħha għal sħubija futura mal-UE. It-test ser ikun fih ukoll impenn biex tinħadem f'konsultazzjoni mal-UE aġenda inizjali għar-riformi, f'konformità mal-acquis tal-UE. L-aġenda ta' riforma għandha tiġi żviluppata u implimentata f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili. Din l-aġenda għandha tinkludi l-ewwel u qabel kollox ir-riformi skont il-kriterji ta' Kopenħagen (riformi soċjoekonomiċi li jinkludi l-"Patt għal Tkabbir u Impjiegi", l-istat ta' dritt, il-governanza tajba) kif ukoll kwistjonijiet maqbula ta' funzjonalità (inkluż il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-UE).

It-tmexxija tal-BiH ser timpenja ruħha wkoll biex tagħmel progress, fi stadju aktar tard, fuq riformi ulterjuri sabiex tissaħħaħ il-funzjonalità u l-effettività tal-livelli differenti ta' gvern.

5. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ Mogherini u l-Kummissarju Hahn biex jirrappurtaw regolarment dwar il-progress biex jitwettaq dan l-impenn bil-miktub u dwar kif dan huwa rifless fil-ħidma tal-istituzzjonijiet rilevanti kollha.

6. Ladarba l-Presidenza tal-BiH taqbel mal-impenn bil-miktub, iffirmat mill-mexxejja politiċi tal-BiH u approvat mill-Parlament tal-BiH, il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

7. Ser ikun neċessarju progress sinifikanti dwar l-implimentazzjoni tal-aġenda għar-riformi, inkluż il-"Patt għal Tkabbir u Impjiegi", sabiex l-applikazzjoni għas-sħubija tiġi kkunsidrata mill-UE. Meta jitlob l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija, il-Kunsill ser jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdic-Finci.

8. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza kruċjali tal-formazzjoni rapida tal-gvern u jappella lill-mexxejja tal-pajjiż biex jiżguraw li dan iseħħ."

Ukraina

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil tiegħu fil-prinċipju dwar il-proposti tar-Rappreżentant Għoli għal miżuri restrittivi addizzjonali tal-UE b'rispons għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet tekniċi dwar il-proposti.

Ebola

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-koordinatur tal-UE għall-Ebola Christos Stylianides dwar is-sitwazzjoni attwali tal-epidemija u r-rispons tal-UE. B'mod kollettiv, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma d-donatur ewlieni għall-isforz ta' trażżin tat-tifqigħa tal-Ebola: huma impenjaw aktar minn EUR 1.1 biljun.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

Repubblika Ċentru-Afrikana

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana:

"1. L-Unjoni Ewropea (UE) tkompli ssegwi b'attenzjoni s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) li għada fraġli minkejja titjib relattiv fis-sitwazzjoni tas-sigurtà perċepita f'dawn l-aħħar ġimgħat f'Bangui. L-UE tappella għar-rispett tal-integrità territorjali tal-pajjiż u tfakkar fl-impenn tagħha għall-koeżistenza paċifika bejn il-komunitajiet u r-reliġjonijiet differenti.

2. Bil-ħsieb li jqiegħed lill-pajjiż f'direzzjoni sostenibbli biex dan joħroġ mill-kriżi, il-proċess politiku fir-RĊA għandu jkompli jimxi 'l quddiem. L-UE ttenni s-sostenn sħiħ tagħha għall-awtoritajiet ta' transizzjoni u tħeġġiġhom ikomplu jagħmlu sforz, bl-akbar koeżjoni possibbli, sabiex jimplimentaw ir-riformi neċessarji. Hija tfaħħar il-kisba ta' aktar poter mill-MINUSCA biex jingħata appoġġ għall-proċess politiku u tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu mill-aktar fis possibbli. L-UE tfakkar li l-appoġġ tal-komunità internazzjonali kollha huwa kruċjali biex l-awtoritajiet ta' transizzjoni jingħataw għajnuna biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom u jżommu dinamika ta' bidla.

3. Il-Forum ta' Bangui dwar id-Djalogu Politiku u r-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali li huwa pass importanti fit-transizzjoni, għandu jkun wiesa', inklużiv u għandu jitmexxa mill-atturi lokali sabiex ikun sostenibbli u jġib valur miżjud reali. Huwa għandu jippermetti lill-atturi Ċentru-Afrikani biex huma stess jaslu għal soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi interdipendenti ta' sigurtà, governanza u żvilupp li jrid jiffaċċja l-pajjiż. F'dan il-kuntest, l-UE tieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-pjattaforma reliġjuża b'rabta mal-Forum ta' Bangui u tirrikonoxxi l-importanza tal-konsultazzjonijiet lokali u tad-djalogu interkomunitarju biex titwitta t-triq lejn rikonċiljazzjoni nazzjonali reali. Hija tistieden lill-awtoritajiet ta' transizzjoni biex isegwu b'mod attiv dan il-proċess, f'koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha, u tfakkar fil-ħtieġa assoluta ta' impenn bona fide tal-atturi kkonċernati kollha.

4. Hija meħtieġa strateġija ċara dwar il-mod li bih jiġu ttrattati l-gruppi armati. Peress li din il-kriżi hija mill-biċċa l-kbira mmexxija minn impunità persistenti, l-awturi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali għandhom jinżammu responsabbli. L-UE tistieden lill-awtoritajiet ta' transizzjoni biex ikomplu bl-isforzi tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-impunità billi jikkontribwixxu b'mod attiv għall-istabbiliment mill-ġdid tas-sistema ġudizzjarja, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, u b'mod partikolari tal-UE u n-Nazzjonijiet Uniti, billi jgħaġġlu l-adozzjoni tal-leġislazzjoni għall-Qorti Kriminali Speċjali, u billi jkomplu jikkooperaw mal-Qorti Kriminali Internazzjonali fil-qafas tal-investigazzjoni li għaddejja.

5. L-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet mill-aktar inklużivi possibbli hija wkoll stadju importanti. Huwa daqstant importanti li l-elezzjoni tkun preparata tajjeb. F'dan ir-rigward, l-UE tappoġġa l-estensjoni tal-perijodu ta' transizzjoni sa Awwissu 2015. Kif ġie enfasizzat mill-Grupp Internazzjonali ta' Kuntatt f'Bangui fil-11 ta' Novembru, hija tfaħħar l-adozzjoni ta' kalendarju elettorali u tappella biex il-preparamenti jsiru malajr. L-UE ttenni d-disponibbiltà tagħha li tappoġġa l-proċess elettorali, inkluż permezz tal-istazzjonament ta' missjoni ta' osservazzjoni elettorali. Hija tappella lis-sħab internazzjonali kollha biex jikkontribwixxu, inkluż finanzjarjament, għat-tħejjija tal-elezzjonijiet fir-RĊA.

6. L-UE tfaħħar l-isforzi li saru fil-qasam tal-istabbilizzazzjoni, b'mod partikolari l-kontributi tal-MINUSCA, tal-korp Franċiż Sangaris u tal-operazzjoni EUFOR RCA, iżda wkoll il-kontributi tal-awtoritajiet ta' transizzjoni. L-estensjoni tal-operazzjoni militari ta' transizzjoni EUFOR RCA, mitluba mill-atturi kollha preżenti fuq il-post, hija prova supplementari tal-utilità u tal-effettività tal-operazzjoni Ewropea. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-azzjoni tal-MINUSCA li hija l-garanti prinċipali tas-sigurtà fil-pajjiż. Bil-ħsieb tal-istabbilizzazzjoni fit-tul tal-pajjiż, ir-riflessjonijiet dwar programm ta' diżarm, demobilizzazzjoni u riintegrazzjoni - kif ukoll dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà - għandhom isiru fil-qafas tal-proċess politiku li għaddej. F'dan il-kuntest, l-UE tenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-isforzi internazzjonali u tat-tkomplija tal-medjazzjoni internazzjonali, immexxija taħt l-awspiċi tal-Kongo--Brazzaville u tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali (ECCAS), tal-Unjoni Afrikana u tan-Nazzjonijiet Uniti, u bl-involviment sħiħ tal-awtoritajiet ta' transizzjoni.

7. Sabiex jikkontribwixxi għar-riforma tal-forzi armati tar-RĊA (FACA), fil-qafas tal-approċċ globali tal-UE fil-pajjiż, il-Kunsill approva Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi bil-ħsieb ta' missjoni militari ta' konsulenza tal-PSDK, li ddum sena u tkun ibbażata f'Bangui. Din il-missjoni tal-PSDK tikkontribwixxi biex il-Gvern tar-Repubblika Ċentru-Afrikana jingħata pariri minn esperti fil-perspettiva tar-riforma tal-FACA li għandha tibdilhom f'forza armata repubblikana, professjonali u multietnika. Abbażi ta' approċċ gradwali taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, din il-missjoni tista' wkoll tagħti taħriġ speċifiku, limitat u nonoperazzjonali lill-armata tar-Reppublika Ċentru-Afrikana. Il-Kunsill jistieden lis-SEAE biex ikompli bil-ħidma tiegħu fuq pjanar operazzjonali, skont proċeduri aċċelerati, bil-ħsieb li jkun possibbli l-istazzjonament tal-missjoni, soġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill, qabel it-tmiem tal-mandat ta' EUFOR RCA. Finalment, huwa jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab involuti, b'mod partikolari l-awtoritajiet Ċentru-Afrikani u n-NU, sabiex jiġu żgurati kooperazzjoni u komplementarjetà tajbin tal-isforzi li qegħdin isiru bil-ħsieb li jerġa' jkun hemm stabbiltà fir-RĊA.

8. L-UE ttenni t-tħassib tagħha dwar is-sitwazzjoni umanitarja fir-RĊA u l-impatt kbir li din qiegħda jkollha fuq il-pajjiżi ġirien. Il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema għall-għajnuna umanitarja u l-aċċess tagħhom għall-popolazzjoni fil-qalba tal-pajjiż jibqgħu limitati minħabba l-attivitajiet ta' ħafna gruppi armati fit-territorju; għaldaqstant, qiegħed ikun ferm diffiċli biex tingħata l-għajnuna u jintlaħqu s-sezzjonijiet tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-attakki kontra l-ħaddiema għall-għajnuna umanitarja u l-konvojs. Il-mobilizzazzjoni tal-mezzi ta' reazzjoni għall-kriżi umanitarja, inkluż fil-pajjiżi ġirien fejn għadd kbir ta' persuni mir-RĊA sabu refuġju, tibqa' prijorità. Il-komunità internazzjonali għandha tkompli taħdem mar-RĊA.

9. Fil-qasam tal-iżvilupp, qiegħda tingħata prijorità għar-rikostruzzjoni tal-Istat Ċentru-Afrikan, b'mod partikolari sabiex dan ikun jista' jeżerċita s-setgħat tiegħu fit-territorju kollu u jagħti lill-popolazzjoni servizzi soċjali bażiċi. Proċess bħal dan għandu jsir flimkien mal-istazzjonament progressiv tal-forzi internazzjonali, li għaddej bħalissa, madwar it-territorju tar-RĊA. Il-fond fiduċjarju Ewropew għar-RĊA, imsemmi "Békou", beda jimplimenta l-ewwel proġetti u oħrajn ser isegwu dalwaqt. Il-Kunsill jinnota li l-Fond Békou huwa miftuħ għal kontribuzzjonijiet minn kull sors, inklużi partijiet terzi. Huwa jilqa' wkoll l-impenn tal-awtoritajiet li jkomplu r-riformi bil-mira li l-finanzi jinġiebu lura f'bilanċ b'mod gradwali, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru waqt iż-żjara tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) lir-RĊA."

Fl-istess ħin, il-Kunsill adotta l-kunċett ta' maniġġar ta' kriżi għal missjoni konsultattiva militari possibbli tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

Inizjattiva ta' investiment tan-Nofsinhar tal-Mediterran

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar l-inizjattiva ta' investiment tan-Nofsinhar tal-Mediterran (AMICI):

"1. Fl-isfond ta' żviluppi reġjonali f'dawn l-aħħar ftit snin fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE u l-ħtieġa għal riformi politiċi u ekonomiċi u r-rispett għall-istat tad-dritt, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni fi programmi relatati mal-investiment u għal appoġġ imsaħħaħ għal djalogu politiku u kooperazzjoni reġjonali bl-għan li jinkiseb tkabbir ekonomiku inklużiv, l-iżvilupp tas-settur privat u l-ħolqien ta' impjiegi.

2. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-ikkompletar b'suċċess tal-eżerċizzju ta' ppjanar/rendikont tal-proġetti u l-operazzjonijiet li għaddejjin fir-reġjun u tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti, li jkopru r-riżorsi ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea, u dawk mill-Istati Membri tal-UE u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej. Il-Kunsill japprova s-sejbiet ewlenin u l-proposti tal-eżerċizzju ta' ppjanar/rendikont.

3. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President u lill-Kummissjoni Ewropea, fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex isegwu l-inizjattiva ta' Koordinazzjoni tal-Investiment tan-Nofsinhar tal-Mediterran (AMICI). Din l-inizjattiva ser tkun f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u mhi ser toħloq l-ebda duplikazzjoni iżda ser taħdem fil-qafas istituzzjonali eżistenti. Din ser tieħu wkoll kont ta' inizjattivi bħas-Sħubija ta' Deauville. . L-għan huwa li jiġi ottimizzat id-djalogu ta' politika fost l-atturi u d-donaturi rilevanti sabiex il-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar jingħataw appoġġ b'mod aktar effettiv, u jsiru investimenti aktar immirati fir-reġjun b'impatt soċjoekonomiku akbar b'konformità mal-prijoritajiet Ewropej u dawk tal-imsieħba.

4. Koordinazzjoni regolari ser tinbeda fil-livell tal-pajjiż, fejn fattibbli, fil-qafas ta' Programmar Konġunt u għandha tiġi segwita waqt il-fażi ta' implimentazzjoni permezz tal-laqgħat tal-kunsilliera għall-iżvilupp tal-UE fil-livell lokali, u fil-livell tal-Istati Membri tal-UE, permezz tal-Kumitat tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u fil-qafas tal-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat. Dan ser jinkludi wkoll djalogu reġjonali u internazzjonali, li jinvolvi l-Kummissjoni Ewropea, is-SEAE, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Ewropej, is-Segretarjat tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM), il-pajjiżi msieħba, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u donaturi oħra, kif adatt. Il-Kunsill jinnota r-rwol importanti li l-UgħM u s-segretarjat tiegħu jista' jkollhom f'dan ir-rigward, partikolarment permezz tal-faċilitazzjoni tad-djalogu fuq livell settorjali.

Huwa ppjanat li l-ewwel laqgħa plenarja sseħħ fl-ewwel semestru tal-2015.

5. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jirrieżaminaw kull sena l-progress li jkun sar u l-iffunzjonar tal-inizjattiva AMICI bħala parti mir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-ENI."

Sudan t'Isfel

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar is-Sudan t'Isfel:

"1. Illum jaħbat sena minn mindu faqqa' l-kunflitt distruttiv fis-Sudan t'Isfel. L-Unjoni Ewropea (UE) hija ddiżappuntata li l-isforzi kollha s'issa wrew li ma kinux ta' suċċess biex tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni. Hija tappella lill-partijiet biex iġibu l-konflitt fi tmiem immedjat u jsibu soluzzjoni politika malajr.

2. Il-gwerra ċivili wasslet għall-mewt ta' għexieren ta' eluf, l-ispustament ta' żewġ miljun persuna b'effetti detrimentali wkoll fil-pajjiżi ġirien u ksur terribbli tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem. Mill-inqas 2.5 miljun persuna ser iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas kbir ta' ikel fix-xhur li ġejjin u din sitwazzjoni maħluqa mill-bniedem saret waħda mill-agħar kriżijiet umanitarji fid-dinja. L-UE tinsab imħassba partikolarment bix-xkiel kontinwu tal-assistenza umanitarja internazzjonali.

3. L-UE tinsab imħassba serjament dwar rapporti li l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-vjolenza sesswali kontra n-nisa, qed ikomplu anki llum. Hija tenfasizza l-ħtieġa li tintemm l-impunità fis-Sudan t'Isfel u li l-awturi tad-delitti jinġiebu quddiem il-ġustizzja, u tistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni ta' Inkjesta tal-UA.

4. L-UE tesprimi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-implimentazzjoni tal-mandat tal-missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Sudan t'Isfel (UNMISS) għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fil-partijiet kollha tas-Sudan t'Isfel u għall-benefiċċju tal-komunitajiet kollha, inkluż bl-għoti ta' kenn lil aktar minn 100 000 persuna ċivili fil-bażijiet tagħha stess.

5. L-UE tat appoġġ sħiħ lill-isforzi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD) biex tinsisti għal taħdidiet ta' paċi inklużivi u komprensivi, inkluż permezz tal-finanzjament ta' verifika ta' waqfien mill-ġlied u mekkaniżmu ta' monitoraġġ, iżda l-gvern u l-oppożizzjoni naqsu milli jinvolvu ruħhom fil-proċess in bona fede. Iż-żewġ naħat imminaw il-proċess billi naqsu milli jonoraw l-impenji tagħhom u eskludew oħrajn min-negozjati, filwaqt li regolarment kisru il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied u komplew l-ostilitajiet tagħhom fuq il-post. Huwa vitali li l-partijiet jirrispettaw l-impenji tagħhom u jibqgħu lura minn kwalunkwe offensiva ppjanata.

6. Minħabba dan in-nuqqas allarmanti ta' progress, l-UE tilqa' d-dikjarazzjonijiet tal-aħħar Summit tal-IGAD u l-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana li l-miżuri restrittivi ser jiġu applikati għal kull parti responsabbli għall-ksur tal-waqfien mill-ġlied jew għat-tfixkil tan-negozjati politiċi. L-UE tappella għall-adozzjoni bla xkiel tagħhom f'koordinazzjoni mal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE imponiet embargo fuq l-armi u tistieden lis-sħab internazzjonali ewlenin kollha biex jikkunsidraw dan il-pass, u titlob għal miżuri sabiex jiġi żgurat li l-ġid tal-pajjiż jintuża għall-benefiċċju tal-persuni tas-Sudan t'Isfel u mhux għall-kumulu ta' ħażniet ta' armi tal-gwerra. L-UE tinsab lesta biex tikkunsidra aktar miżuri restrittivi mmirati kontra dawk l-individwi li jostakolaw il-paċi fis-Sudan t'Isfel.

Tinħtieġ azzjoni aktar qawwija mill-komunità internazzjonali kollha, inklużi s-sħab reġjonali, sabiex issir pressjoni fuq il-partijiet kollha fil-konflitt bil-ħsieb li dawn isegwu t-triq ta' negozjati paċifiċi għal soluzzjoni dejjiema għad-differenzi politiċi tagħhom fl-interess primarju tal-popolazzjoni tas-Sudan t'Isfel."

Azzjoni tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva

Il-Kunsill estenda l-perijodu ta' implimentazzjoni għall-appoġġ tal-UE lill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) u lir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2118 (2013). Il-fondi tal-UE inizjalment ingħataw f'Diċembru 2013 u ser jiġu estiżi sat-30 ta' Settembru 2015.

Azzjoni kontra l-proliferazzjoni ta' armi ħfief fir-reġjun tas-Saħel

Il-Kunsill alloka EUR 3.5 miljun biex jappoġġa l-istati fir-reġjun ta' Saħel li jwettqu attivitajiet ta' sigurtà fiżika u ta' ġestjoni ta' ħażniet sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir.

Azzjoni tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva

Il-Kunsill alloka EUR 990 000 għall-attivitajiet b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi. Il-fondi ser jintużaw għal informazzjoni u komunikazzjoni, azzjoni għat-tisħiħ tan-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall-universalizzazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja.

Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-UE dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u tas-Sottokumitati, l-istabbiliment ta' żewġ Sottokumitati, u d-delegazzjoni ta' ċerti setgħat mill-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni "Kummerċ" tiegħu.

Relazzjonijiet mas-Serbja

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-UE għall-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni mas-Serbja, li għandu jsir fi Brussell fis-17 ta' Diċembru.

Relazzjonijiet mal-Marokk

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-UE għat-tnax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Marokk li għandha ssir fi Brussell fis-16 ta' Diċembru.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

President tal-Kumitat Militari tal-UE

Il-Kunsill ħatar lill-Ġeneral Mikhail Kostarakos bħala l-President li jmiss tal-Kumitat Militari tal-UE mis-6 ta' Novembru 2015. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

Emenda tal-artikolu dwar l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir fi ftehimiet

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin dwar l-emenda tal-artikolu dwar l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi:

"Il-Kunsill:

1. Ifakkar il-Konklużjonijiet tal-2008 dwar l-inklużjoni ta' artikolu dwar l-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi, li minn dak iż-żmien ġie inkluż f'għadd ta' ftehimiet;

2. jikkunsidra li, wara l-adozzjoni tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) u d-dħul fis-seħħ li jmiss tiegħu f'Diċembru 2014, hemm il-ħtieġa li t-test ta' referenza standard għall-artikolu dwar is-SALW jiġi kkomplementat b'dispożizzjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni tal-kummerċ tal-armi legali;

3. jikkunsidra li d-dispożizzjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni tal-kummerċ tal-armi għandu jkun fihom, flimkien ma' parti ġenerika, parti li tirreferi b'mod speċifiku għall-ATT, li għandha tiġi inkluża fil-ftehimiet ma' pajjiżi terzi li rratifikaw/aderixxew għall-ATT, jew esprimew l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu dan;

4. jikkunsidra li l-klawsola riveduta ser ikollha natura aktar komprensiva, peress li ser tkopri kemm l-aspetti legali kif ukoll l-aspetti illeċiti tal-kummerċ;

5. jikkunsidra li t-test li ġej ser jintuża bħala referenza f'negozjati futuri:

<u>**ARMI ĦFIEF U TA' KALIBRU ŻGĦIR U ARMI KONVENZJONALI OĦRA**</u>

I. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-fabbrikazzjoni, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż il-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, amministrazzjoni ħażina, ħażniet mhux siguri biżżejjed u t-tixrid bla kontroll tagħhom ikomplu jikkostitwixxu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

II. Il-Partijiet jaqblu li josservaw u jimplimentaw bi sħiħ l-obbligi rispettivi tagħhom biex jittrattaw il-kummerċ illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż il-munizzjon tagħhom, skont il-ftehimiet internazzjonali eżistenti u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll l-impenji tagħhom fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-prevenzjoni, il-ġlieda u l-qerda tal-kummerċ illeċitu fis-SALW fl-aspetti kollha tiegħu.

III. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw dawn il-kontrolli b'mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija tal-bnedmin, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-devjazzjoni ta' armi konvenzjonali.

Il-Parti III bis għandha tiżdied meta jsiru negozjati ma' pajjiż li rratifika/aderixxa għall-ATT jew esprima l-intenzjoni li jagħmel dan: F'dan ir-rigward, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw b'mod sħiħ it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u li jikkooperaw ma' xulxin fi ħdan il-qafas tat-Trattat, inkluż fil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni u tal-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat mill-Istati Membri kollha tan-NU.

IV. Għalhekk, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw u jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom biex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali f'armi konvenzjonali u biex jiġi prevenut, jiġi miġġieled u jinqered il-kummerċ illeċitu f'armi. Huma jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li ser jakkumpanja u jikkonsolida dan l-impenn."

EUCAP SAHEL Mali

Il-Kunsill approva l-Pjan Operattiv għall-Missjoni EUCAP SAHEL Mali tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). Il-EUCAP SAHEL Mali ġie stabbilit bħala missjoni ċivili biex jingħataw pariri strateġiċi u biex jingħata taħriġ lill-forzi tas-sigurtà interna ta' Mali, f'koordinazzjoni ma' sħab internazzjonali.